

Brussell, 9 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12796/1/19
REV 1

CLIMA 263
ENV 828
ONU 102
DEVGEN 189
ECOFIN 854
ENER 455
FORETS 39
MAR 151
AVIATION 192

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Tħejjijiet għal-laqqgħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Santiago de Chile, mit-2 sat-13 ta' Diċembru 2019) – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għal-laqqgħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Santiago de Chile, mit-2 sat-13 ta' Diċembru 2019), kif adottati mill-Kunsill fit-3716-il laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2019.

Ġiet miżjuda l-kelma “tisħin”, li kienet tħalliet barra mill-Paragrafu 11 fid-dokument 12796/19.

Tħejijiet għal-lagħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Santiago de Chile, iċ-Ċili, mit-2 sat-13 ta' Diċembru 2019)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-URĠENZA TA' AZZJONI GLOBALI MSAĦĦA

1. JISĦAQ li t-tibdil fil-klima huwa theddida diretta u eżistenzjali li ma taħfirha lil ebda pajjiż. Id-dinja diġà qed tesperjenza bosta impatti devastanti tat-tibdil fil-klima, iżda l-azzjoni klimatika globali għadha mhix biżżejjed. JENFASIZZA l-urġenza bħal qatt qabel li jiżdiedu l-isforzi globali u JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet u l-vantaġġi tat-transizzjoni globali għal ekonomiji u soċjetajiet sikuri, newtrali għall-klima, sostenibbli u reżiljenti għall-klima u li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi huma marbutin flimkien b'mod qawwi.
2. JILQA' t-tliet rapporti maħruġa mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) din is-sena (Climate Change and Land: An IPCC special report on climate change, desertification, land degradation, sustainable land management, food security, and greenhouse gas fluxes in terrestrial ecosystems, Special Report on the Ocean and Cryosphere in a Changing Climate and 2019 Refinement to the 2006 IPCC Guidelines on National Greenhouse Gas Inventories); JESPRIMI l-apprezzament tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-IPCC fil-ġbir u l-analiżi tal-aħjar xjenza disponibbli dwar it-tibdil fil-klima u l-effetti tiegħu fuq l-ambjent u s-soċjetà; IĦEĠĠEĠ lill-IPCC biex ikompli bil-ħidma tiegħu filwaqt li jfaħħar l-approċċ komprensiv, oġġettiv u trasparenti tiegħu li jagħmel l-IPCC l-aktar leħen awtoritattiv dwar ix-xjenza tat-tibdil fil-klima.

3. JINSAB TASSEW IMĦASSEB dwar is-sejbiet xjentifiċi tal-IPCC li juru l-urġenza estrema li jissaħħaħ ir-rispons globali għat-tibdil fil-klima fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar; JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-art u tal-oċean u d-deżertifikazzjoni huma marbutin flimkien b'mod qawwi, u JAPPELLA GĦAL kooperazzjoni aktar mill-qrib u sinerġiji fost il-Konvenzjonijiet. JISĦAQ li t-tisħiħ tal-azzjoni globali jeħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet fis-setturi kollha sabiex jiġi limitat it-tisħin globali, jitnaqqsu r-riskji u l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima.
4. JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU dwar l-impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima fuq il-qerda tal-bijodiversità globali, ir-riżorsi tal-ilma u l-ekosistemi tad-dinja, inkluż l-effetti tan-nirien fil-foresti; f'dan ir-rigward JILQA' r-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi maħruġ mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi; JINNOTA INKWETAT li l-Artiku qed jiŝhon b'aktar mid-doppju tar-rata medja globali u dan diġà qed jirriżulta f'konsegwenzi globali, reġjonali u lokali serji.
5. GĦADU FERM IMĦASSEB b'rapporti min-NU li jikkonfermaw li, b'mod kollettiv, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali ppreżentati mill-Partijiet u t-trajettorji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra attwali għadhom ferm 'il bogħod minn dak li hu meħtieġ biex jintlaḥqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi; JIRRIKONNOXXI l-appelli qawwija mis-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażaġh, għal azzjoni, ambizzjoni u konsiderazzjonijiet msaħħa għal ġenerazzjonijiet futuri; JISSOTTOLINJA li l-Partijiet kollha, speċjalment l-emittenti ewlenin, iridu jtejbu l-ambizzjoni, u jżidu l-azzjoni klimatika filwaqt li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-integrità tal-ekosistemi kollha, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' ppjanar u implimentazzjoni sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għal azzjoni klimatika effettiva u effiċjenti.

6. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-Tibdil fil-Klima u JTENNI l-importanza li tissaħħaħ l-azzjoni klimatika globali; IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019 dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u JTENNI li t-tibdil fil-klima jaġixxi bħala multiplikatur tat-theddid u dejjem aktar bħala theddida għall-paċi u s-sigurtà fih innifsu, b'implikazzjonijiet serji madwar id-dinja.

IMMEXXU 'L QUDDIEM L-AZZJONI U L-AMBIZZJONI

7. JILQA' r-riżultati tas-Summit tan-NU dwar l-Azzjoni Klimatika 2019 dwar l-ambizzjoni, l-azzjoni u s-solidarjetà, li wrew ir-rieda politika li tiżdied l-ambizzjoni kollettiva f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż billi jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-azzjoni trasformattiva li jeħtieġ li tittieħed mill-gvernijiet inkluż fi proċessi multilaterali rilevanti oħra kif ukoll minn atturi mhux statali.
8. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha li għadhom ma rratifikawx l-emenda ta' Doha biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli sabiex jippermettu d-dħul fis-seħħ urġenti tagħha; JISSOTTOLINJA li l-impenji tal-2020 tal-UE u tal-Istati Membri tagħha taħt it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto diġà qed jiġu implimentati sa mill-1 ta' Jannar 2013; JENFASIZZA li l-UE tkompli tifred b'suċċess it- tkabbir ekonomiku tagħha mill-emissjonijiet tagħha - mill-1990 sal-2017 l-ekonomija tal-UE kibret bi 58 %, filwaqt li t-total ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra naqas bi 22 %; JENFASIZZA wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha għallhekk jinsabu fit-triq biex saħansitra jaqbżu l-għan ta' tnaqqis ta' 20 % ta' gassijiet serra sal-2020 fuq it-territorju tagħhom skont il-politiki eżistenti taħt il-pakkett tal-UE tal-klima u l-enerġija tal-2020.
9. JENFASIZZA li l-UE impenjat ruħha fl-2014 li tnaqqas l-emissjonijiet domestiċi tal-gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, bħala l-kontribut tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi. Hija l-ewwel ekonomija ewlenija fid-dinja li tieħu l-inizjattiva fit-transizzjoni ekoloġika u turi t-triq lejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi billi diġà għandha fis-seħħ qafas legiſlattiv ambizzjuż, vinkolanti biex tħares l-impenn tagħha.

10. JISSOTTOLINJA li l-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-UE għall-2030 ġiet stabbilita għal mill-inqas 32 % u l-mira tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għal mill-inqas 32.5 %, appoġġata minn sistema ta' governanza affidabbli; JENFASIZZA li dawn il-miri jwasslu għal aktar tnaqqis ta' gassijiet serra minn dak previst; u JFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jieħdu kont ta' dawk l-isforzi addizzjonali u ta' politiki oħra speċifiċi għal setturi.
11. JENFASIZZA li fl-2020, l-UE ser tagħgħorna l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tagħha kif maqbul f'Pariġi, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiżdied iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDC tagħha, kif maqbul f'Katowice. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima fid-dawl tal-aħħar xjenza disponibbli, speċjalment ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
12. IĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kollha li ma rratifikawx il-Ftehim ta' Pariġi biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun; JAPPELLA LILL-Partijiet kollha biex jagħgħornaw il-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u biex iżidu ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim (ICTU) tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom.
13. JISĦAQ li fuq il-bażi tal-viżjoni strateġika fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima - “Pjaneta Nadifa għal kulħadd” u l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li l-Ewropa ssir newtrali għall-klima sal-2050, l-UE bħalissa qed tiddiskuti kif tikseb in-newtralità klimatika f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; JENFASIZZA l-importanza tad-dibattitu soċjetali wiesa', inklużiv u estensiv madwar l-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż konsiderazzjoni fil-fond tal-kwistjonijiet bħal transizzjoni ġusta.

14. IFAKKAR fl-istedina mill-Kunsill Ewropew¹ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kondizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas favorevoli li għandhom jitpoġġew fis-seħħ sabiex tiġi żgurata transizzjoni għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; filwaqt li tinnota li għall-maġġoranza kbira tal-Istati Membri tal-UE, trid tinkiseb newtralità klimatika sal-2050; JINNOTA wkoll li diversi Stati Membri diġà stabbilixxew miri nazzjonali li jikkontribwixxu għal dan il-għan; JISTENNA BIL-ĦERQA li l-Kunsill Ewropew jiffinalizza l-gwida tiegħu dwar il-viżjoni tal-UE newtrali għall-klima qabel tmien l-2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni u l-preżentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-UE lill-UNFCCC kmieni fl-2020; JAPPELLA wkoll lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' Pariġi biex jippreżentaw l-istrateġiji fit-tul tagħhom f'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi sal-2020.
15. JISĦAQ li l-UE hija l-kontributor ewlieni fid-dinja ta' għajjnuna għall-iżvilupp b'EUR 74.4 biljun fl-2018 u l-ikbar kontributor ta' finanzjament għall-klima fid-dinja, li tipprovdi aktar minn 40 % tal-finanzjament pubbliku dinji għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'żieda ta' aktar mid-doppju tal-kontribuzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha mill-2013 'l hawn u li huma aktar minn EUR 20 biljun fis-sena; JENFASIZZA l-impenn kontinwu tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppanti biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 imbagħad sal-2025 għal finijiet ta' mitigazzjoni u adattament fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u trasparenza sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni; JISĦAQ dwar il-ħtieġa għall-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' kontributori; JISĦAQ dwar l-importanza ta' riforniment b'suċċess tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima; JISTENNA BIL-ĦERQA aktar progress mill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp fl-allinjament tal-attivitajiet tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi; ITENNI li l-finanzjament privat għall-klima huwa fundamentali biex jixpruna l-bidla lejn ekonomija globali newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima; JIRREFERI għall-intenzjoni tiegħu li jadotta konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima qabel il-COP25.

¹ <https://www.consilium.europa.eu/media/39922/20-21-euco-final-conclusions-en.pdf>

16. JISĦAQ dwar l-importanza li l-Partijiet kollha jagħmlu l-flussi ta' finanzjament globali konsistenti mal-perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għall-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi, jisħaq f'dak il-kuntest il-ħtieġa li jiġu promossi finanzi sostenibbli; JILQA' l-kontribut tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli" għal dan il-għan.
17. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħir li Qed Jiżviluppaw, fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi; f'dan il-kuntest JAGĦRAF il-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi speċjali ta' dawk il-pajjiżi li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u l-ħtieġa għal appoġġ f'waqtu u mmirat biex dawk l-effetti jiġu evitati, minimizzati u indirizzati; JENFASIZZA l-inizjattivi, bħas-Sħubija tal-NDC kif ukoll inizjattivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-komunitajiet, tal-għajxien u tal-ekosistemi permezz ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament u ta' assigurazzjoni tar-riskju ta' diżastri inkorporati fi strateġiji komprensivi ta' ġestjoni tar-riskju.
18. JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni tal-edukazzjoni, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, il-parteeipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet fit-tul tiegħu; JILQA' u jinkoraġġixxi t-trawwim ta' azzjoni klimatika permezz tal-parteeipazzjoni tal-pubbliku u l-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

IT-TRIQ LEJN SANTIAGO

19. JIFRAĦ lill-Presidenza Pollakka tal-24 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP24) għar-rwol tagħha biex tiggwida l-ħidma tal-COP; JILQA' l-"Ktieb tar-Regoli ta' Katowice" li jirrappreżenta kisba sinifikanti li tippermetti l-operazzjonalizzazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u turi li l-multilateraliżmu u l-kooperazzjoni internazzjonali għadhom pjattaformi operazzjonali għall-indirizzar tal-isfidi globali.

20. JILQA' t-tmexxija tal-Presidenza Ċilena tal-COP li jmiss u JISTENNA BIL-ĦERQA li jaħdem mill-qrib maċ-Ċili biex itejjeb l-azzjoni klimatika globali u biex jagħmel il-COP25 suċċess; JAPPOĠĠA l-prijoritajiet tal-COP25, inkluż l-attenzjoni tar-rabta bejn l-oċean u l-klima kif deskritt mill-Presidenza tal-COP li jmiss. JILQA' r-rwol attiv tal-Costa Rica u jistenna bil-ħerqa l-attivitajiet ta' qabel il-COP.
21. HUWA IMPENJAT li:
- jaħdem mal-Partijiet kollha biex jiġu żviluppati regoli robusti u komprensivi dwar il-kooperazzjoni volontarja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi li jrawmu ambizzjoni globali, jiżguraw integrità ambjentali u jevitaw l-għadd doppju permezz ta' aġġustament korrispondenti fuq it-trasferimenti internazzjonali kollha, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 6.4 u l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA);
 - jifformula regoli robusti għat-trasferimenti tal-Artikolu 6.2;
 - iwaqqaf mekkaniżmu ġdid ambizzjuż tal-Artikolu 6.4 li jippermetti lill-Partijiet parteċipanti jtejbu l-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom filwaqt li jagħmlu tajjeb b'mod robust għat-tnaqqis tal-emissjonijiet miksuba taħt il-Ftehim ta' Pariġi u jaqblu dwar l-għeluq tal-mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kjoto.
22. JISTENNA BIL-ĦERQA:
- it-tlestija b'suċċess tat-tieni rieżami tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ħsara (WIM) abbażi tat-Termini ta' Referenza maqbula f'Bonn f'Ġunju biex tkompli tiggwida l-ħidma tal-WIM, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Pariġi;
 - li jsir progress fl-arranġamenti skont il-Qafas ta' Aktar Trasparenza, li hu s-sinsla ta' Ftehim ta' Pariġi li jaħdem tajjeb, ibbażat fuq il-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida tiegħu maqbula f'Katowice;

- li x-xogħol fuq il-bini tal-kapaċità jimxi 'l quddiem, inkluż fuq l-arranġamenti istituzzjonali tiegħu;
 - ir-reviżjoni b'suċċess tal-Programm ta' Ħidma ta' Lima fuq il-Ġeneru u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu għall-Ġeneru.
23. IFAKKAR fl-importanza li jsir sforz lejn oqfsa ta' żmien komuni għall-NDCs tal-Partijiet kollha, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
24. JENFASIZZA l-importanza tal-partijiet ikkonċernati li mhumieix Parti u l-kontribut tagħhom għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tal-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali (GCAA), u jirrikonoxxi l-isforzi tal-GCAA biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet fit-tul tiegħu; jilqa' u JĦEĠĠEĠ l-involvement qawwi taż-żewġ Promoturi fit-trawwim ta' azzjoni klimatika. JILQA' l-opportunità li jitqiesu l-implimentazzjoni u l-ambizzjoni ta' qabel l-2020 biex jintwera l-progress u biex jiġu identifikati aktar opportunitajiet għal azzjoni globali.

PROĊESSI OĦRA

25. GĦADU IMPENJAT li jsib sinerġija u jimmassimizza l-kontribuzzjoni tal-klima mill-Konvenzjonijiet l-oħra ta' Rio (UNCBD u UNCCD), inkluż il-Qafas Globali għall-Bijodiversità wara l-2020, il-Forum tan-NU dwar il-Foresti, il-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. FILWAQT LI JISĦAQ li l-koordinazzjoni teħtieġ issir ukoll fil-livell nazzjonali.
26. IFAKKAR fil-ħtieġa li l-avjazzjoni internazzjonali tikkontribwixxi b'mod adegwat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, JAPPELLA b'mod partikolari lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u lill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw malajr il-CORSIA, filwaqt li jiżguraw l-integrità ambjentali tagħha, inkluż billi jiġi evitat l-għadd doppju tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha li għadhom ma ħabbrux il-parteċipazzjoni tagħhom, biex jissieħbu fil-fażi pilota tal-CORSIA. ITENNI l-appelli preċedenti tiegħu lill-ICAO biex jintlaħaq qbil dwar mira fit-tul konsistenti mal-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sa mhux aktar tard mill-41 Assemblea tagħha.

27. JAPPELLA lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex timplimenta b'mod rapidu l-Istrateġija Inizjali tagħha dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gass b'Effett ta' Serra mill-Bastimenti, adottata fl-2018, konsistenti mal-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi.
 28. JILQA' d-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal fl-1 ta' Jannar 2019, li tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Protokoll ta' Montreal biex jirratifikaw din l-emenda mill-aktar fis possibbli.
-